MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 528/2003

**George Grima (597951M)**

**vs**

**Melvin Chetcuti**
**Rachel Farrugia**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-27 ta' Ottubru, 2003 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti ghall hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,224.15) u l-imghax legali rapprezentanti valur ta' xoghol u materjal ta' kostruzzjoni li l-attur ghamel fuq ordni tal-konvenuti fil-fond 161B, Triq il-Fdalijiet Preistorici, Mosta.

Bl-ispejjez u bl-imghax, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Melvin Chetcuti u Rachel Farrugia fejn eccepew

1. Illi t-talba ta' l-attur huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, stante illi meta nghatat l-istima ghax-xogholijiet ta' kostruzzjoni li kellhom isiru fil-fond 161B, Triq il-Fdalijiet Preistorici, Mosta, l-attur verbalment kkonferma illi l-massimu li l-ispiza totali, li kienet tinkludi l-materjal, hlas ta' xoghol, kellha titla kienet ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) u b'hekk fuq din l-istima nghata l-appalt lill-attur;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti huma disposti li jhallsu mmedjetament il-massimu ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) ghall-materjal u ghal xoghol li wettaq l-attur;
3. Illi l-kont mahrug mill-Perit Carm Lino Spiteri datat 7 ta' Lulju, 2003 li fuqu l-attur qed jibbaza t-talba tieghu ghandu diversi nuqqasijiet kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,224.15) ghal xoghol u materjal illi sar fil-fond 161B, Triq il-Fdalijiet Preistorici, Mosta.

Il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda biss il-ftehim illi sar bejnithom.  Filwaqt li l-konvenut qieghed jghid illi x-xoghol kellu jsir ghas-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200), l-attur qieghed jikkontendi illi din l-ahhar cifra ma kinitx tinvolvi l-kambjamenti illi saru mill-konvenuti waqt li kien qieghed jigi esegwit ix-xoghol.

Jinghad mill-bidu nett, illi f'din il-kawza mhuwiex qed jigi allegat illi x-xoghol maghmul mill-attur ma kienx skond l-

arti u s-sengha, jew il-prezzijiet minnu kkwotati ma kienux gusti. L-unika vertenza illi hemm bejn il-partijiet tirrigwarda l-ftehim inizzjali meta l-attur gie mitlub illi jaghti stima u l-konvenuti qeghdin jorbtu lill-attur b'dik l-istima nonstante l-varjazzjonijiet illi saru waqt ix-xoghol.

Ikkunsidrat:

L-attur jghid illi huwa gie avvicinat mill-konvenuti sabiex jaghmel alterazzjonijiet fil-*wash room* fuq il-bejt tal-maisonette illi ghandhom il-konvenuti. Mar fuq il-post, ra x'kien hemm bzonn u x'kienu r-rekwiziti tal-konvenuti u kkalkola illi bejn wiehed u iehor l-ispiza kienet ser tigi elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). Din ic-cifra pero' ma kinitx tinkludi l-VAT.

Il-konvenuti accettaw is-suggeriment ta' l-attur u nkarigawh jaghmel ix-xogholijiet u qabbdu l-ufficcju tal-Perit Carm Lino Spiteri sabiex issir pjanta halli din tigi sottomessa lill-Planning Authority. Din il-pjanta saret u qeda esebita bhala Dok AC1, li ggib id-data 7 ta' Marzu, 2002. Din l-ahhar pjanta ma fihiex emendi, il-pjanta bl-emendi qeda esebita a fol. 24 u ggib id-data Novembru, 2002. Ghalhekk, hu probabbli illi dan ix-xoghol beda ghall-habta ta' Novembru, 2002 meta kien hemm l-approvazzjonijiet kollha tal-Planning Authority.

Meta tlesta x-xoghol mar Albert Borg, mill-ufficcju tal-Perit Spiteri, sabiex hadem il-kejl u l-figuri li huma esebiti a fol. 23. Dan il-kejl sar fuq istruzzjonijiet tal-konvenuti. Ikkonferma, illi waqt esekuzzjoni tax-xoghol saru xi alterazzjonijiet fil-*wash room* u t-terrazzin. Kien il-kuntrattur illi ta l-prezzijiet u Borg dehrlu illi kienu prezzijiet normali skond is-suq ta' dak iz-zmien. Ikkonferma wkoll illi ma kienx hemm ilment fuq il-kwalita' tax-xoghol.

Il-varjazzjoni kienet tinkludi t-tqeghid ta' zewg travi tal-hadid illi orginarjament ma kienux murija fil-pjanta. Qal illi x-xoghol kollu minghajr VAT gie jiswa' elf u disa' mitt lira Maltin (Lm1,900), li pero' maghhom trid izzid 15% VAT. Wara li kellu l-informazzjoni kollha Albert Borg hareg il-

kont u baghtu lill-konvenuti, illi mall-ewwel oggezzjonaw illi qalu li l-ftehim kien ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

Peress illi Albert Borg ma kienx involut fid-diskors inizzjali illi sar bejn il-partijiet, ovvjament ma setax jinvolvi ruhu f’din il-vigenda u halla f’idejn il-partijiet sabiex isolvuha bejnithom.

Il-konvenut Melvin Chetcuti minn naha l-ohra jinsisti illi l-ftehim kien ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) u li dan kien jinkludi kollox u li kien prezz finali u mhux stima. Huwa esebixxa pjanti Dok. MC2 li huma mill-Planning Authority kif ukoll il-pjanti tat-travi wkoll mahrugin mill-Planning Authority, bhala prova li l-kuntrattur u cioe’ l-attur kellu f’idejh il-varjazzjonijiet kollha meta hu kkowta c-cifra ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). Ikkonferma illi setghu saru xi varjazzjonijiet, pero’ dawn ma kellhomx jaghmlu differenza ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) fuq ix-xoghol.

Fix-xhieda tieghu a fol. 40, il-konvenut jaghmel referenza ghall-Dok. MC1, fejn jidher ir-*roof plan* bil-bini kif irtirat. Skond il-konvenut hija din il-pjanta illi kellu effettivament f’idejh l-attur meta huwa kkwota l-prezz finali.

Ikkunsidrat:

Meta l-Qorti qieset id-divergenzi illi hemm bejn il-partijiet u l-kontroversja illi qamet bejnithom dwar dak x’verament ftehmu, il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni moghtija mill-attur hija aktar veritiera, fis-sens illi huwa minnu illi huwa kkwota c-cifra ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200), pero’ waqt il-lant tax-xoghol kellhom isiru xi tibdiliet li saru a beneficcju tal-konvenuti u ghalhekk, il-prezz ghola meta gew inkluzi xi tibdiliet u konkos.

Il-konvenut Melvin Chetcuti milli jidher mhuwiex car fiz-zmenijiet meta huwa nkariga lill-attur u dwar il-pjanti illi huwa kellu f’idejh. Fix-xhieda tieghu a fol. 40, ghamel referenza ghad-Dok. MC1 fejn qal illi dik hija l-pjanta finali bil-bini kif irtirat u li fuqha l-attur hadem ic-cifra ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). Il-Qorti pero’ tirrileva, illi din il-pjanta Dok MC1 ma fihiex emendi u ggib id-data ta’

Marzu, 2002. Ghalhekk, hu probabbli illi jekk l-attur kellu dik il-pjanta f'idejh, ma setax f'dak l-istadju u cioe' f'Marzu 2002, ikun jaf illi kienu ser isiru xi emendi.

Il-pjanta bl-emendi qeda esebita a fol. 24 u ggib id-data ta' Novembru, 2002, fejn hi allura tikkombaci bis-shih dak illi qal l-attur illi x-xoghol beda ghall-habta ta' Novembru, 2002.

Il-pjanti li esebixxa l-attur li huma tal-Planning Authority huma minghajr emendi u jgibu d-data ta' Awissu, 1999, kemm ghal dawk illi hija l-pjanta tad-dar kif ukoll il-pjanta tat-travi. F'din d-data, Awissu 1999, l-attur ma kienx ghadu gie nkarigat u fi kwalunwe kaz, dawk huma l-pjanti illi kellhom il-Planning Authority tal-maisonette kif kien originarjament qabel ma l-konvenuti ddecidew ma jaghmlu xi alterazzjonijiet fil-*wash room* tal-bejt.

Ghalhekk, meta tqis dawn id-dati, l-Qorti ssib illi ghandha pjanta Dok MC1 minghajr emendi li ggib id-data ta' Marzu, 2002, u pjanta bl-emendi a fol. 24 illi ggib id-data ta' Novembru, 2002. Ghalhekk, hu probabbli, illi kif qal l-attur hu kellu f'idejh il-pjanta ta' Marzu, 2002 u mhux dik ta' Novembru, 2002, peress illi d-diskussjonijiet bejn il-partijiet hadu certa zmien sakemm giet iffinalizzata l-pjanta definittiva u l-attur ma kienx f'posizzjoni jkun jaf is-sitwazzjoni x'kienet qabel id-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghal habta ta' Novembru.

Wara kollox, id-differenza bejn il-partijiet mhijiex daqshekk kbira.

Kif xehed Albert Borg, ix-xoghol minghajr VAT, finalment gie jiswa elf u disa' mitt lira Maltin (Lm1,900) u c-cifra ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) ikkwotata mill-attur kienet ukoll minghajr VAT. Id-differenza kibret meta tqis il-VAT, li allura bilfors irid jithallas u jizdied mac-cifra tax-xoghol. Dan iwassal ghal l-ammont reklamat mill-attur, illi l-Qorti jidhrilha illi huwa wiehed gustifikat u ghandu jithallas peress illi sar a beneficcju u sodisfazzjoni ta' l-istess konvenuti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur is-somma ta’ elfejn, mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,224.15), rapprezentanti valur ta’ xoghol u materjal ta’ kostruzzjoni li l-attur ghamel fuq ordni tal-konvenuti fil-fond 161B, Triq il-Fdalijiet Preistorici, Mosta.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------